*parti intervenuta f'kawża għandha dritt tinterponi appell –*
*f'arbitraġġ mandatorju, sabiex isir appell minn deċiżjoni parzjali huwa meħtieġ il-permess mit-Tribunal tal-Arbitraġġ wara talba bil-miktub*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 66/2019 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500) hekk kif surrogata kemm bil-polza tal-assigurazzjoni u kemm bil-liġi fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Aaron Spiteri, kif ukoll l-istess Aaron Spiteri (K.I. 829746M)**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Jason Mifsud (K.I. 519776M)**
**u**
**Atlas Insurance PCC Limited intervenuta fil-kawża**
**bis-saħħa ta'digriet tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tal-24 ta' Settembru 2018**
*("l-appellanta")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intervenuta fil-kawża **Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)** (minn issa 'l quddiem "l-intervenuta fil-kawża"), mil-lodo

arbitrali parzjali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fit-30 ta' Lulju 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi huwa huwa kompetenti sabiex jisma' u jiddeċiedi it-talba tar-rikorrent, u għaldaqstant ordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-każ quddiemu.

**Fatti**

2. Fl-4 ta' Novembru, 2017, seħħ inċident ġewwa Triq Ġużé Maria Camilleri, Ħal Qormi, wara li t-*truck* bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 323 proprjetà tal-intimat **Jason Mifsud** sofra ħsara fil-pajp tal-*hydraulic* waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol fl-istess triq, u konsegwenza ta' dan ikkawża ħsara f'għadd ta' proprjetajiet kif ukoll fil-vettura tal-għamla Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 181, assigurata mas-soċjetà rikorrenti **Elmo Insurance Limited (C 3500)**. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li l-ammont pretiż minnha f'dawn il-proċeduri huwa ta' €1,837, rappreżentanti €1,712 danni kkaġunati mill-intimat Jason Mifsud u sborsati mis-soċjetà rikorrenti bħala indenizz a favur tal-assigurat tagħha **Aaron Spiteri**, u €125 bħala *excess fee* mħallsa mir-rikorrent Spiteri, bl-ispejjeż legali u bl-imgħaxijiet dekorribbli.

**Mertu**

3. Permezz tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob għal-likwidazzjoni u l-kundanna għall-ħlas tal-intimat Jason Mifsud tal-

ammont ta' €1,837 rappreżentanti danni sborsati mis-soċjetà rikorrenti bħala indenizz a favur mill-assikurat tagħha Aaron Spiteri, konsegwenti għal ħsara li żviluppat fi *truck* proprjetà tal-intimat Mifsud li kien qiegħed jagħmel xi xogħol ġewwa Triq Gużé Maria Camilleri, Ħal Qormi fl-4 ta' Novembru, 2017 ("l-inċident). Is-soċjetà rikorrenti, permezz tal-azzjoni intavolata minnha quddiem it-Tribunal, qiegħda titlob li l-intimat Jason Mifsud jiġi dikjarat responsabbli għall-inċident, li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-assigurat tagħha, kif ukoll li l-intimat Mifsud jiġi kkundannat iħallas l-imsemmija danni, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali kollha involuti. L-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta Jason Mifsud kien qiegħed jagħmel użu mit-*truck* tiegħu sabiex ilesti xi xogħlijiet, u spara pajp tal-*hydraulic* fl-istess *truck*, li tajjar ammont ta' żejt fuq il-faċċati tad-djar ta' xi persuni kif ukoll fuq xi vetturi li kienu fit-triq, fosthom dik tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Aaron Spiteri.

4. L-intimat Jason Mifsud ma ressaq ebda risposta għat-talbiet tar-rikorrenti, iżda s-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited talbet li titħalla tintervjeni fil-proċeduri *in statu et terminis ai termini* tal-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tkun tista' tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha fil-proċeduri. Is-soċjetà intervenuta fil-kawża hija s-soċjetà li magħha huwa assigurat l-intimat Jason Mifsud.

5. L-intervenuta fil-kawża wieġbet li t-Tribunal mhux il-forum kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi din it-tilwima u dan stante li din il-kwistjoni ma taqax fl-ambitu tal-arbitraġġ mandatorju taħt il-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta, imma taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal

għal Talbiet Żgħar. Tgħid ukoll li l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident għandha titħalla għas-savju ġudizzju tal-organi ġudizzjarji, b'dan li jekk jinstab li l-intimat Jason Mifsud huwa responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti ma jkollhom l-ebda jedd ta' azzjoni jew ta' ħlas fil-konfront tagħha, u lanqas ma jkollhom jedd jeżegwixxu d-deċiżjoni kontra tagħha, u dan għaliex fil-ħin tal-inċident, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 323 kienet qiegħda tintuża sabiex isir xi xogħol biha, u għalhekk din is-sitwazzjoni mhix koperta mill-*motor insurance policy* li l-intimat Jason Mifsud għandu mal-intervenuta fil-kawża. Tgħid ukoll li din mhix materja li taqa' fit-termini tal-*compulsory motor insurance* taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intervenuta teċċepixxi wkoll li r-rikorrenti għandhom iġibu prova tad-danni sofferti minnhom.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tal-lodo arbitrali parzjali mogħti fil-15 ta' Lulju, 2019, it-Tribunal ikkonkluda li huwa kompenti *ratione materiae* sabiex jisma' din il-kwistjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkonsidra***

*1. Il-fatti*

*Il-fatti prima facie li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu sintetikament jiġu kompilati bil-mod segwenti:*

*1.1 Illi l-inċident in diżamina seħħ nhar l-4 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tal-ħdax u tletin minuta ta' filgħodu (11:30) fi Triq Ġużè Maria Camilleri, Qormi;*

1.2 *Illi l-vetturi involuti kienu waħda truck tal-marka Leyland bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 323 reġistrata f'isem l-intimat u l-oħra tal-marka Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 181 reġistrata f'isem Aaron Spiteri iżda dakinhar tal-inċident kienet qiegħda tiġi wżata minn bintu, Sharon Zammit;*

1.3 *Mir-rapport tal-inċident (Dok. "A") u x-xhieda ġuramentata ta' Sharon Zammit jirriżulta li waqt li t-truck tal-intimat kien qiegħed fi Triq Ġużè Camilleri, Qormi, infaqa' l-pajp tal-*hydraulic oil *tal-istess truck u mela l-faċċati ta' xi djar u l-vettura tar-Rikorrent Aaron Zammit. Il-vettura ACE 181 tqaxxrilha ż-żebgħa kawża taż-żejt li ġie fuqha;*

1.4 *Ir-Rikorrenti ppreżentaw il-kawża quddiem dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ għax qed jippretendu ħlas għad-danni li sofriet il-vettura;*

1.5 *In vista tal-ewwel eċċezzjoni, dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ irid jikkonsidra jekk dawn il-fattispeċi jaqgħux taħt il-kompetenza tiegħu. Se jistħarreġ mhux il-mertu proprju ta' dan il-każ iżda n-natura tal-inċident u x'kienu l-mezzi involuti fl-inċident;*

*2. **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal tal-Arbitraġġ***

*L-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta) għadda mill-għarbiel tal-Qrati sabiex jiġi deċiż kif għandu jiġi interpretat dan l-artikolu. L-Artikolu 1.2 għandu t-titolu: **Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur.** Dan is-subparagrafu (a) tal-Artikolu 1.2 għandu x'jaqsam ma' tilwima li toriġina minn kolliżjoni bejn vetturi filwaqt li s-subparagrafu (b) japplika meta tilwima toriġina minn ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi.*

*Hu ċar li l-każ in diżamina mhuwiex wieħed ta' kolliżjoni bejn vetturi stante li mill-provi li laħqu ġew ippreżentati l-inċident kien jirrigwardja ħsara (ċioe, 'sparalu pajp tal-'hydraulic') li żviluppat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 323 u li nfirex għal fuq faċċati u b'mod partikolari fuq il-vettura Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni ACE 181 li kienet ipparkjata qrib it-truck fi Triq Ġużè Maria Camilleri, Qormi. Mid-deskrizzjoni tiegħu dan l-inċident jidher iktar iqarreb lejn dak li jikkontempla s-subparagrafu (b) tal-Artikolu 1.2 tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fl-eċċezzjoni preliminari tagħha, is-soċjetà intervenuta teċċepixxi li dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ m'għandux kompetenza u t-talba kellha ssir quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar; u in sostenn ta' din l-eċċezzjoni preliminari tagħha tagħmel referenza għas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri): **Elmo Insurance PCC Limited u GasanMamo Insurance Limited vs Alexander Vassallo nomine et** deċiżi fis-27 ta' Ottubru 2015 u 14 ta' Lulju 2017 rispettivament.*

*Is-soċjetà Rikorrenti rrispondiet li dan hu inċident li seħħ b'mod involontarju fil-proprjetà tar-Rikorrenti u li kien jinvolvi vettura stante li kienet il-vettura (truck) tal-Intimat li kkawża l-ħsara fuq il-vettura tar-Rikorrent. In sostenn ta' din il-pożizzjoni, is-Soċjetà Rikorrenti ċċitat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri):* ***Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited*** *u* ***Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri*** *deċiżi fit-23 ta' Ottubru 2009 u 19 ta' April 2012 rispettivament.*

*Minn eżami tas-sentenzi ċitati mill-Partijiet in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom, immedjatament joħroġ il-problema ta' x'interpretazzjoni għandha tingħata lill-Artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387. Fl-imsemmija każijiet, il-Qorti tal-Appell diversament ippresjeduta tat interpretazzjoni konfliġġenti. Għalhekk jeżistu żewġ teżijiet opposti. Fuq naħa waħda, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri*** *deċiża fid-19 ta' April 2012 qalet li l-interpretazzjoni hija ċara għax "għal din il-Qorti l-kliem stess tal-Liġi huwa ċar fih innifsu u ma hemmx bżonn li tirreferi għal xi att ieħor ħlief il-liġi stess u la darba l-kliem stess huwa ċar, mela allura għandha tittieħed fis-sinifikat naturali tagħha ut sic u xejn iżjed." Dik l-istess qorti ma qablitx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell diversament ippresjeduta fis-sentenza* ***Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited*** *hawn fuq imsemmija u reġgħet tenniet il-fehma li:*

> "Din ma hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni stretta o meno tal-Liġi, iżda hija interpretazzjoni ta' dak li tgħid il-liġi b'mod ċar peress li l-kliem użat huwa skjett fih innifsu u għandu t-tifsira naturali tiegħu, u allura kemm jinqara u dak li jfisser jiġi applikat. Hekk allura fl-imsemmi subartikolu ma hemm ebda rekwiżit li sabiex ħsara fil-vettura taqa' taħt ir-reġim ta' arbitraġġ mandatorju hemm bżonn li jkun hemm kolliżjoni jew involviment ta' żewġ vetturi, b'dan li l-ħsara kkawżata fil-vettura tkun riżultat ta' impatt ma' vettura oħra. Dan jingħad għaliex l-artikolu 1.2(b) tal-imsemmija Skeda imkien ma jsemmi dan, u allura dan lanqas biss kellu b'xi mod jiġi kkonsidrat jew konċepit. Lanqas hemm bżonn li ssir referenza għad-dibattiti parlamentari għaliex f'dan il-każ il-liġi hija ċara u l-intenzjoni tal-Leġislatur hija manifestata u espressa fil-Liġi stess, li fil-verità ma jħalli l-ebda lok għal dubju dwar is-sinifikat tiegħu li huwa konformi f'dan il-każ ma' dak li ġie deċiż mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża fl-ismijiet "**Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine vs Mario Borg et**" (TTZ – ISB – 9 ta' Lulju 2008 li b'mod telegrafiku spjega s-sitwazzjoni hekk:-
>
> > "Minn naħa l-waħda l-iskeda titkellem fuq kolliżjoni bejn vetturi (1.2a) u min-naħa l-oħra titkellem dwar ħsara involontarja oħra li però tinvolvi vetturi (1.2b)

> – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoġġi, fil-parametri hemmhekk imsemmija, l-obbligu tal-ġurisdizzjoni fuq l-Arbitraġġ fi kwalunkwe miż-żewġ każijiet. F'dan il-każ il-ġurisdizzjoni tal-Arbitraġġ hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqgħu taħt kwalsiasi mis-subinċiżi msemmija għandhom jiġu determinati mill-Arbitraġġ."
>
> "Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' ħsara fuq vettura u ma tinvolvix ħsara fuq il-persuna u taqa' fil-limiti ta' Euro 11,646.87, allura l-ġurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-arbitraġġ."

*Fuq in-naħa l-oħra, fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, l-Artikolu 1.2(b) għandu jirċievi interpretazzjoni ristrettissima. Fil-każijiet ċitati l-ħsara kienet oriġinat minn għemil involontarju ta' terzi persuni u mhux minn vettura (anzi l-vettura involuta sofriet il-ħsara) u l-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li l-Artiklu 1.2(b) ma japplikax għal każijiet bħal meta sinjal tat-traffiku jaqa' fuq vettura jew sinjal tat-traffiku, ħajt jew materjal tal-bini jaqa' minn proprjetà ta' terza persuna jew sinjal tat-traffiku. It-Tribunal għal Talbiet Żgħar fis-sentenza tiegħu fl-ismijiet* ***Elmo Insurance Limited et vs Kunsill Lokali Żabbar*** *deċiża fit-23 ta' Jannar 2017 ta' importanza fuq* ***is-sors*** *tal-ħsara:*

*"Illi f'dan il-każ l-interpretazzjoni jidher li qed tiddependi fuq x'ikun is-sors tal-ħsara. Dan qed jingħad anke in vista tas-sentenzi esebiti mill-avukati difensuri tal-partijiet infushom. Fil-kawża* ***Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Stephen Mifsud*** *il-Qorti tal-Appell tenniet dak li kienet qalet fil-kawża* ***Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited,*** *u ċioe illi:*

> "... mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-leġislatur jirriserva b'mod mandatorju lill-Arbitraġġ huma dawk li għandhom rapport kawżali ma' inċidenti tat-traffiku li jikkaġunaw danni materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjetà ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjetà minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess inċident stradali. Il-każ tat-tiġrif ta' ħajt fuq vettura stazzjonarja mingħajr dik il-konnessjoni mhux wieħed minn dawn."
>
> Illi dik l-istess kawża kienet tittratta dwar ħsara f'roundabout li saret minn vettura li ħabtet fiha, u l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presjedut u ċioe illi f'każ fejn ikun hemm vettura u tagħmel ħsara fi proprjetà, dan ikun kompetenza tal-Arbitraġġ."

*Dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ qiegħed jieħu kont ta' żewġ interpretazzjonijiet kif ukoll tas-sors tal-ħsara u n-natura tal-inċident.*

*It-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu quddiemu l-każ b'fattispeċie differenti minn dawk tas-sentenzi kollha ċitati għax mhuwiex il-każ li waqa' ħajt jew materjal minn sors li mhijiex vettura. Is-sors tal-ħsara oriġinat minn vettura wieqfa għalkemm aktarx mixgħula għall-iskop tax-xogħol li kien qiegħed isir bil-vettura. L-inċident għalhekk ma kienx wieħed ta' kolliżjoni bejn il-vettura tar-Rikorrenti u dik tal-Intimat. Għalhekk, l-Artikolu 1.2(a) ma japplikax għal dan il-każ. Iżda, il-vettura tal-Intimat li kienet stazzjonarja ġarrbet ħsarat bil-konsegwenza li ż-żejt li spara mill-pajp tal-*hydraulic *u ż-żejt spiċċa laqat il-vettura tar-Rikorrenti. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ l-Artikolu 1.2(b) tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 japplika għall-każ in diżamina għar-raġuni li l-ħsara oriġinat minn involontarjament minn vettura u kkaġunat il-ħsara fuq vettura oħra. Dan it-Tribunal qiegħed jistrieħ fuq il-kliem ċar tal-Artikolu 1.2(b) li jikkontempla ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi <u>l-vetturi.</u> Żewġ vetturi huma involuti f'dan l-inċident.*

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ qiegħed jaqta' u jiddeċiedi li għandu l-kompetenza jisma' u jiddeċiedi din it-talba. It-Tribunal għaldaqstant jordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' din it-talba.*

*L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom qegħdin jiġu riservati għall-award finali."*

## <u>L-Appell</u>

7. L-intervenuta fil-kawża ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata parzjali fit-30 ta' Lulju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fil-15 ta' Lulju 2019 fl-ismijiet premessi, u minflok issib illi t-Tribunal tal-Arbitraġġ mhuwiex kompetenti sabiex jisma' u jiddeċiedi din it-tilwima, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti Elmo Insurance Limited u Aaron Spiteri, illum appellati."*

8. L-appellanta tgħid li hija tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal li huwa għandu kompetenza jisma' u jiddeċiedi dwar din it-tilwima bejn il-partijiet. Tgħid li f'dan il-każ huwa ċar li t-tilwima ma toriġinax minn kolliżjoni bejn vetturi, u li f'dan il-każ is-sors tal-ħsara kienet vettura wieqfa għalkemm aktarx li kienet mixgħula għall-iskop tax-xogħol li kien qiegħed isir biha. Tgħid li t-*truck* bin-numru ta' reġistrazzjoni FBR 323 kien wieqaf fil-ħin tal-inċident, għalkemm kien qiegħed jintuża bħala *tool of trade* meta sparalu l-pajp tal-*hydraulic* bil-konsegwenza li tar xi żejt fuq il-vettura ACE 181 li fil-ħin tal-inċident kienet ipparkjata u mhux okkupata. L-appellanta tagħmel riferiment għal xi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, fosthom dik fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited *vs.* Alexander Vassallo nomine et,** tal-14 ta' Lulju 2017, fejn il-Qorti qalet li l-leġiżlatur ried jirriserva għall-arbitraġġ mandatorju kawżi li għandhom rapport kawżali ma' inċidenti tat-traffiku li jikkaġunaw dannu materjali f'vetturi jew fi proprjetà ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjetà minn vettura jew vetturi koinvolti f'dak l-istess inċident stradali. L-appellanta tgħid li d-danni li qiegħda tfittex għalihom ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri ma jirriżultawx minn inċident tat-traffiku li kkawża danni materjali kawża tat-tamponament minn vettura koinvolta fl-inċident stradali. Tgħid li f'dan il-każ id-danni ġew ikkaġunati minn żejt li tar meta spara l-pajp tal-*hydraulic* u ż-żewġ vetturi kienu pparkjati fil-ħin tal-inċident. L-appellanta tgħid li l-artikolu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 għandu jingħata interpretazzjoni ristrettissima u li fejn hemm dubju dan għandu jmur kontra l-applikazzjoni tal-arbitraġġ mandatorju. Tgħid li għalhekk it-Tribunal kien skorrett meta sab li huwa għandu l-kompetenza jisma' u jiddeċiedi din il-vertenza.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. Is-soċjetà appellata wieġbet li r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanta huwa improponibbli, għaliex l-appellanta talbet li tidħol f'dawn il-proċeduri bħala intervenuta fil-kawża *ai termini* tal-artikolu 960 tal-Kap. 12, u mhux bħala assikuratriċi tal-intimat Jason Mifsud. Tgħid li b'din l-għażla tagħha, l-appellanta trid toqgħod għal dak li huwa permess lilha bil-liġi, għaliex l-artikolu 960 tal-Kap. 12 ma jagħtix il-fakoltà lill-intervenut fil-kawża jissottometti l-eċċezzjonijiet tiegħu, aħseb u ara kemm intervenut jista' jappella minn digriet interlokutorju. Tgħid li fiż-żmien meta l-appellanta talbet li tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis,* l-assikurat tagħha kien għadu mhux ippatroċinat minn avukat tal-fiduċja tiegħu, iżda issa s-sitwazzjoni hija differenti għaliex l-intimat Mifsud huwa patroċinat minn avukat u saħansitra għamel is-sottomissjonijiet tiegħu f'dawn il-proċeduri. Tgħid li għalhekk l-intervenuta m'għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli dawn il-proċeduri.

10. L-appellata tgħid ukoll li s-sitwazzjoni tal-appellanta hija waħda prekarja, għaliex ir-rikors tar-rikorrenti tal-5 ta' Settembru, 2018 sabiex tiġi riveduta l-pożizzjoni tas-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited fil-kawża, għadu mhux degretat sal-ġurnata preżenti, u għalhekk l-appellata staqsiet x'inhi l-pożizzjoni tas-soċjetà Atlas Insurance PCC Limited fir-rigward tal-proċeduri bejn żewġ entitajiet li l-appellata tgħid li huma estranji għaliha.

11. L-appellata tgħid ukoll li r-rikors tal-appell huwa null, għaliex huwa appell minn digriet interlokutorju mogħti fil-15 ta' Lulju, 2019, li permezz tiegħu t-

Tribunal iddeċieda li ma jilqax l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intervenuta, u ordna l-prosegwiment tal-proċeduri. Tgħid ukoll li d-digriet tal-15 ta' Lulju, 2019 huwa dwar eċċezzjoni preliminari, u mhuwiex digriet finali għaliex bl-ebda mod ma daħal fil-mertu tal-proċeduri bejn il-partijiet.

12. L-appellata tgħid ukoll li in vista tal-artikolu 44(10) tal-Kap. 387, id-digrieti interlokutorji la huma suġġetti għar-reġistrazzjoni, la tista' tittieħed azzjoni kontrihom u jorbtu lill-partijiet minnufih malli dawn jiġu notifikati bilhom, għandhom iwettquhom mingħajr dewmien. Tgħid li sa fejn dan huwa appell minn digriet interlokutorju, dan huwa null u mhux permess bil-liġi. Tgħid li l-appell huwa riservat għad-deċiżjoni arbitrali finali dwar il-mertu tal-proċeduri. L-appellata tgħid ukoll li l-intervenuta fil-kawża naqset milli tippreżenta rikors fejn titlob permess speċjali sabiex tappella mid-deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 229(3) tal-Kap. 12 sabiex tkun tista' tappella minn tali digriet interlokutorju, u għalhekk dan l-appell huwa null u bla effett.

13. B'riferiment għall-mertu, l-appellata tgħid li għandu jsir riferiment għad-dispost tal-klawsola 1.2(b) tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387, li tistipula f'liema każijiet għandu jsir arbitraġġ mandatorju. Tgħid li hawnhekk *si tratta* ta' inċident li seħħ b'mod involontarju fil-proprjetà tar-rikorrenti, liema inċident kien jinvolvi vettura u *truck*. Tgħid ukoll li l-kolliżjonijiet bejn vetturi għandhom paragrafu ddedikat għalihom fil-liġi. L-appellata tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2019 fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et *vs.* Gevimida Limited**, fejn intqal li dak li huwa kkontemplat mil-liġi huwa <u>ħsara kkaġonata bl-intervent ta'</u>

vettura, u mhux ħsara li sseħħ fuq vettura, huwa x'inhu s-sors tagħha. L-appellata tagħmel riferiment ukoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Ciscaldi *vs.* Nicholas Camilleri** tad-19 ta' April 2012, fejn din il-Qorti kif diversament preseduta qalet li l-kliem tal-liġi huwa ċar, jiġifieri li fejn hemm ħsara kkaġunata involontarjament fuq vettura, tali mertu huwa suġġett għall-arbitraġġ mandatorju *ai termini* tal-artikolu 1.2(b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387. F'dik id-deċiżjoni l-Qorti qalet li dan is-subartikolu tal-liġi ma jirreferix għal kolliżjoni bejn żewġ vetturi, iżda jirreferi biss għall-ħsara fi proprjetà li tikkonsisti minn vettura, filwaqt li l-element ta' kolliżjoni mhux rikjest f'dan l-artikolu. L-appellata tgħid li l-artikolu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 huwa ċar fis-sens li l-leġiżlatur ried ifisser illi kwalsiasi kwistjoni li tirrigwardja danni kolpużi fil-proprjetà fejn hemm involuta vettura, għandha tiġi riżolta fi proċeduri arbitrali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 387.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta fil-kuntest tal-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellata, u dan b'riferiment għad-deċiżjoni appellata mogħtija mit-Tribunal.

*L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellata*

15. L-appellata tgħid li dan l-appell ma setax jiġi interpost minn intervenuta fil-kawża, li daħlet fil-kawża *in statu et terminis* u li bħala tali ma setgħetx tinterponi appell minn digriet interlokutorju mogħti mit-Tribunal. Din il-Qorti

tirrileva li l-appellata hija żbaljata meta fir-risposta tal-appell tagħha tgħid li l-parti intervenuta f'kawża m'għandhiex jedd tagħmel nota tal-eċċezzjonijiet jew nota ta' sottomissjonijiet, jew li l-intervenuta m'għandhiex jedd tinterponi appell minn xi deċiżjoni mogħtija. F'dan il-każ jirriżulta fil-fatt li l-appellanta, intervenuta fil-kawża, ippreżentat nota tal-eċċezzjonijiet jew *statement of defence* quddiem it-Tribunal u fil-fatt il-lodo parzjali li sar appell minnu ngħata fuq waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intervenuta fil-kawża. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et *vs* Il-Prim Ministru et** fl-10 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi:

> "Issa, fil-liġi tagħna l-istitut tal-intervent fil-kawża hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-interess meħtieġ sabiex wieħed jintervjeni skont l-imsemmija dispożizzjoni jrid ikun interess ġuridiku, u ċioe interess sostanzjali u dirett fil-kawża u mhux sempliċiment interess fl-eżitu ta' dik il-kawża bil-ħsieb li dak l-eżitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pożittivi jew negattivi, f'kawża jew kawżi oħra futuri (ara, passim, **Fogg Insurance Agencies Limited noe *vs* Simon Tabone**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela *vs* Joseph Zahra u Napuljun Carabott**, Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02. Fi kliem ieħor l-intervenut fil-kawża jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati."

16. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Markiż Joseph Philip Testaferrata Bonici et *vs.* Evelyn Micallef et** deċiża fl-10 ta' Jannar, 2007, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet:

> "Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri u jista' anke '*sostenendo la ragione sia dell'attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell'uno che dell'altro, provocare una decisione entro i limiti dell'azione intentata*

(Kollez. Vol. XVI P. I p.117). Huwa veru illi skont il-vot tal-liġi l-intervent f'kawża ma jissospendix il-proċediment. B'danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfissirx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (Kollez. Vol. XXXII P. I p.477). Minn dan jitnissel li la darba tiġi akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anki billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom." (Ara **Joseph Galea *vs* Alfred Cardona,** Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f'din kompendjata).

17. Fil-kawża fl-ismijiet **Paul Fiorentino et *vs.* David Jones noe** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

"Illi persuna li tintervjeni '*ad adiuvandum'* tal-parti mħarrka f'kawża u fil-waqt xieraq tal-mixja tagħha, tista' wkoll tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li saħansitra fejn il-parti mħarrka f'kawża tkun waqgħet kontumaċi, il-parti li daħlet fil-kawża *in statu et terminis* kellha l-jedd mhux biss li tressaq l-atti ġudizzjarji xierqa u kompatibbli mal-istat li tkun waslet fih il-kawża meta jsir dak l-intervent, imma "li ġġib 'il quddiem l-argumenti u r-raġunijiet tagħha, sija pure f'nota tal-eċċezzjonijiet, kif ukoll li tipproduċi l-provi in sostenn ta' dak li tkun qiegħda tissottometti."

18. Kif spjegat f'dawn l-insenjamenti tal-Qrati tagħna, parti intervenuta f'kawża tista' tagħmel dawk l-atti kollha u għandha l-istess setgħat ta' kull parti oħra fil-kawża, sakemm ma jkunx hemm waqfien fil-proċeduri bejn il-partijiet l-oħra fil-kawża. F'dan il-każ, is-soċjetà appellanta interveniet fl-istadji inizjali tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u għalhekk kellha d-dritt li tressaq nota ta' eċċezzjonijiet, li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, kif ukoll li tappella mid-deċiżjoni li ngħatat. Huwa għalhekk li din l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata fir-risposta tagħha mhix qiegħda tintlaqa'.

*It-tieni eċċezzjoni preliminari tal-appellata:*

19. L-appellata tgħid li dan l-appell huwa null għaliex mhux ammess li jkun hemm appell minn digriet interlokutorju mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ. Tgħid li f'dan il-każ, l-appellanta qiegħda tippretendi li għandha jedd tappella minn deċiżjoni parzjali mogħtija mit-Tribunal, meta jedd bħal dan ma jeżistix għaliex it-test tal-liġi huwa ċar, li ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra deċiżjonijiet interlokutorji, u l-appelli f'dawn it-tip ta' deċiżjonijiet huma riservati għad-deċiżjoni finali tat-Tribunal. L-appellata tagħmel riferiment għall-artikolu 44(10) tal-Kap. 387 in sostenn ta' din l-eċċezzjoni preliminari tagħha. Imma l-Qorti sejra tagħmel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 71B tal-Kap. 387, li jistipula illi:

> "(1) Rikors għat-twarrib jew appell jistgħu jsiru biss dwar deċiżjonijiet finali kif hu mfisser fl-Artikolu 44(6).
>
> (2) Meta jingħataw deċiżjonijiet separati dwar diversi kwistjonijiet f'arbitraġġ, jistgħu jinbdew il-proċeduri kontra dawn id-deċiżjonijiet biss wara li tingħata d-deċiżjoni finali u fil-limiti ta' żmien imsemmija f'dan l-Att, li għandhom jibdew mid-data ta' din id-deċiżjoni finali u f'dawn il-proċeduri għandu jkun hemm referenza speċifika għad-deċiżjonijiet li kontrihom il-proċeduri qegħdin jittieħdu:
>
> Iżda l-proċeduri jistgħu jibdew kontra dawn id-deċiżjonijiet separati qabel id-deċiżjoni finali bil-permess tat-Tribunal tal-Arbitraġġ, din it-talba għal permess biex jinbdew il-proċeduri għandha ssir bil-miktub lit-Tribunal tal-Arbitraġġ u kopja tagħha tintbagħat liċ-Ċentru fi żmien sitt ijiem mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun ġiet komunikata lill-parti.
>
> (3) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra deċiżjonijiet interlokutorji."

20. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni parzjali mogħtija mit-Tribunal mhijiex digriet interlokutorju, għaliex hawnhekk m'aħniex nitħaddtu fuq digriet dwar xi punt

sollevat mill-partijiet waqt il-prosegwiment tal-każ, ossija digrieti '*di lieve momento* u *di poco sostanza'.* Dan huwa appell minn deċiżjoni parzjali mogħtija mit-Tribunal dwar eċċezzjoni preliminari ta' ċerta portata sollevata mill-intervenuta fil-kawża, u għalhekk dan għandu jitqies bħala appell minn deċiżjoni parzjali u mhux appell minn digriet interlokutorju. F'dan ir-rigward, il-liġi tagħmilha ċara li sabiex ikun hemm appell minn deċiżjoni parzjali qabel l-għoti tad-deċiżjoni finali, irid jingħata l-permess tat-Tribunal, liema permess jinkiseb wara talba bil-miktub li ssir minn min għandu interess jappella, fi żmien sitt ijiem mid-data li fiha d-deċiżjoni tkun ġiet komunikata lill-parti. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellanta intervenuta fil-kawża ma talbitx tali permess, meta l-liġi tispeċifika li "it-talba għal permess biex jinbdew il-proċeduri **għandha**[1] ssir bil-miktub lit-Tribunal tal-Arbitraġġ" u għalhekk ladarba jirriżulta li tali talba bil-miktub ma saritx, dan l-appell ma jistax jiġi kkunsidrat f'dan l-istadju.

21. In vista tal-fatt li tirriżulta din il-mankanza proċedurali fir-rikors tal-appell li tressaq mill-appellanta dwar id-deċiżjoni parzjali mogħtija mit-Tribunal, din il-Qorti sejra ttiddikjara dan l-appell null, u tibgħat l-atti lura lit-Tribunal sabiex jitkompla s-smigħ tal-każ quddiem it-Tribunal.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiddikjara l-appell tagħha null u tordna li l-atti jerġgħu**

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

**jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan ikompli bil-ġbir tal-provi u bis-smigħ tal-każ fil-mertu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**